**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Mejju 2023**

**Rikors guramentat numru ; 90/ 2021 AGV**

**MB**

**Vs**

**Dr. Daniel Attard u PL Marie Claire Bartolo bhala kuraturi deputati Sabiex jirraprezentaw lill-assenti A B b' digriet tas- 6 ta' Dicembru 2022**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' MB li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldu l-minuri G u GI. ahwa B nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u tmintax t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) rispettivament, kopji tac-certifikati tat-twelid qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala **Doks A u B**.

2. ILLI r-relazzjoni bejn il-kontendenti tfarrket irrimmedjabilment u llum ntemmet.

3. Illi l-minuri huma fattwalment fil-kura u l-kustodja tal-esponenti li minn dejjem hadet hsieb tal-bzonnijiet tal-istess.

4. Illi r-rikorrenti hija l-aktar persuna idoneja sabiex tigi fdata esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri.

5. Illi fil-hamsa u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin, din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 234/21 iddikjarat il-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa, u awtorizzat lir-rikorrenti sabiex tipprocedi b'kawza fit-terminu impost bil-ligi, kopja tad-digriet qieghdha tigi annessa u mmarkata bhala **Dok C.**

6. Illi l-intimat hu assenti mill-Gzejjer Maltin u kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat qieghed jigi prezentat rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interess tal-intimat assenti f'dawn il-proceduri.

7. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

**Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha**:

1. Tafda u takkorda  l-kura u l-kustodja tal-minuri G  u Gi  ahwa B esklussivament f'idejn l-esponenti, b'dana illi kwalsiasi decisjoni rigward sahha, edukazzjoni, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri, u b'mod generali kull decizjoni ohra rigward l-minuri, ghadha tittiehed essklussivament mill-omm rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u jew il-kunsens tal-intimat u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri u dana ghal ragunjiet imputabbli interament lill-intimat.

2. Tordna li r-residenza tal-minuri G u Gi ahwa B ghandha tkun f'Malta flimkien mar-rikorrenti.

3. Tordna li tikkundanna lill-intimat  AB  sabiex ihallas lir-rikorrenti retta mensili u oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u rapprezentanti manteniment ghall-minuri G u Gi. ahwa B, kif ukoll tipprova dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi awmentat minn zmien ghall zmien.

4. Tordna lill-konvenut intimat ihallas arretrati ta' manteniment dovut kif ukoll sehemhu ghall-ispejjez skolastici u ta' sahha tal-minuri G u Gi. ahwa B  mill-inadempjenza tieghu sal-lum.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

Il-Qorti,

Rat ir-risposta tal-avukat Dr. Daniel Attard u l-prokuratur Legali Marie Claire Bartolo nominati b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti lilhom notifikata u jiddikjaraw is-segwenti:-

1.Illi permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti l-Avukat Dr.Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezenta lill-assenti AB

Illi prezentament, is-sottoskritti qeghdin jiddikjaraw illi m'humiex edotti mill-fatti fil-konfront tal-assenti u jitolbu lill-attur sabiex jfornuhom b'dawk id-dettalji tal-mezzi ta' komunikazzjoni kollha maghrufa lilhom inkluz l-indirizz fiss, l-indirizz tal-posta elettronika u tat-telephone cellulari.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez.**

**FATTI**

L-attrici tikkonferma li kellha relazzjoni mal-konvenut AB li damet cirka hames snin. Tghid li qatt m'ghexu flimkien pero' kienet gieli torqod ghand ommu.

Minn dina r-relazzjoni twieldu zewgt itfal G u Gi. , llum it-tnejn maggorenni. Tispjega li l-konvenut minn dejjem ma kienx juri emozzjoni lejn uliedu u kkontribwixxa b'mod limitat hafna ghall-manteniment taghhom u ghalkemm kienet ghadha studenta kienet tiehu hsieb il-maggoranza tal-ispejjes.

In total il-flus li taha l-konvenut kienu jammontaw ghas-somma ta' €4421.20. Cirka sittax-il sena ilu, il-konvenut kien infurmaha li kien ser jemigra u minn dakinhar qatt ma kien prezenti f'hajjet it-tfal.

Il-konvenut kien ghamel kuntatt maghha fl-2021 sabiex jara lit-tfal, u ghalkemm ma kellix oggezzjoni, it-tfal peress li llum ghandhom l-eta' taghhom, irreagixxew

b'mod differenti. Giulia, thalli spazju ghal ftit kuntatt, pero' mhux dejjem tirrispondi ghall-messaggi, filwaqt li G wera lil missieru li huwa rrabbjat u li seta' kkontribwixxa ghall-finanzi taghhom.

L-attrici tammetti li kien difficli ghaliha sabiex tghin tkabbar lit-tfal finanzjarjament u kienu ghamlu hafna sagrificcji. Kienet thallas €450 id-donazzjoni tal-iskola tat-tifel u kienet thallas ukoll ghad-diversi attivitajiet extra-kurrikulari li kienu jattendu t-tfal.

Prezentement tikkonferma li G huwa student full-time l-Mcast fejn qed isegwi kors ta' maintenance. Gi qed tattendi t-tieni sena l-Universita' fejn qed isegwi l-kors ta' psikologija.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**KURA U KUSTODJA**

Fil-mori tal-kawza, ulied il-partijiet saru maggorenni u ghalhekk dina l-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni dina t-talba attrici.

**MANTENIMENT**

Illum ulied il-partijiet huma maggorenni, madanakollu mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta li t-tnejn li huma ghadhom qed jistudjaw fuq bazi full-time, wiehed l-Mcast u l-ohra l-Universita' ta' Malta. Skond l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili, l-obbligu tal-manteniment jibqa' jissussti sal-eta' ta' 23 sena peress li uliedhom qed jistudjaw fuq bazi full-time.

L-attrici ma ressqitx provi rigward l-introjtu tal-konvenut u ghalhekk il-Qorti tinstab nieqsa minn xi indikjazzjoni tal-mezzi tieghu li jista' jwassalha sabiex

tikkalkola l-manteniment dovut. Bhala prassi f'dawn il-kazijiet, il-Qorti tordna l-minimu li jista'  jkun hemm u dan l-ammont ta' **<u>€200 fix-xahar ghal kull wild,</u>** filwaqt li ghandu jhallas ghan-nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

## <u>ARRETRATI TA' MANTENIMENT</u>

L-attrici qed titlob li tithallas lura l-arretrati ta' manteniment peress li tul it-trobbija ta' uliedhom, il-konvenut kien hallas biss cirka €4,421.20 .[1] Issemmi li kienet tibghathom ghal diversi attivitajiet extra-kurrikulari bhal karate, l-ghawm, it-trumbum u l-arti ghat-tifel G, filwaqt li ghat-tifla kienet tibghatha ghall-ballet, flute u arti. Madanakollu, ma esebit l-ebda dokumentazzjoni sabiex turi ghal kemm kienu jammontaw l-ispejjez ghal dawn l-attivitajiet.

Semmiet ukoll li kienet thallas id-donazzjoni tal-iskola fejn kien jattendi G  fl-ammont ta' €450 fis-sena u ghal darb'ohra naqset li tipproduci prova ta' dan. Dina l-Qorti mhux qed tqis ix-xhieda tal-attrici bhala inveritiera, izda jehtieg li dak li tallega tippruvah u tissostanzjah bi provi cari u konkreti, haga li naqset li taghmel.

Mhux kontestat li jekk it-tifel G  kien jattendi l-iskola tal-Knisja Santu Wistin kien hemm donazzjoni x'tithallas, pero' x'kien l-ammont mhux ikkonfermat hlief bil-verzjoni attrici, anke jekk ma hemmx kontestazzjoni da parti tal-konvenut, li huwa rrapprezentat minn kuraturi.

Konsiderando li ghadda daqstant zmien u l-attrici qatt ma ddenjat tibda proceduri biex titlob manteniment ghall-uliedha u tenut kont tal-fatt li quddiemha ghandha provi fjakki, il-Qorti tiddeciedi li jkun opportun u sabiex issir gustizzju li jsir hlas ta' lump sum payment fis-somma ta' **<u>€30, 000</u>** ghaz-zewgt ulied.

[1] Dok. MBO 2

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici stante li ulied il-kontendenti llum huma maggorenni.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna l-hlas ta' manteniment kif fuq imfisser.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici kif fuq imfisser.

L-ispejjez ghandhom ikunu temporanjament a kariku tal-attrici, rikuperabbli mill-konvenut meta jigi rintraccat.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**